# Mastru Luigi Said (1894 – 1949)

***Tagħrif mill-Arkivista John Gafà***



*Mastru Luigi Said*

Mastru Luigi Said twieled Ħaż-Żebbuġ fit-13 ta' Lulju, 1894. Huwa iben Filippo u Adreana mwielda Azzopardi.

Luigi kien ħaddied u wiret din is-sengħa mingħand il-familjari tiegħu. Huwa ma ħadimx biss xogħlijiet għal Ċittà Rohan iżda wkoll għal lokalitajiet oħra. Is-serraturi tal-bibien tal-knisja parrokjali ta' Ħaż-Żebbuġ huma xogħol Said. Huwa ħadem il-ħadid tat-twieqi tal-faċċata tal-Berġa ta' Kastilja u anke l-ħadid tal-gallariji li nsibu fi triq Melita ġewwa l-Belt Valletta. Luigi kien ħadem ukoll is-sejf tat-Teżor fid-Dipartiment Governattiv u ta' dan ix-xogħol professjonali huwa ngħata ċertifikat.

Luigi Said iżżewweġ lil Maria Assunta Cilia fit-23 ta' Settembru, 1943. Huma kellhom żewġt itfal – Dun Philip li huwa missjunarju fil-Brazil u Adreana li hija miżżewġa u toqgħod fid-dar numru 111, Triq tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ. Din id-dar kienet tintuża bħala bottega minn missierha sabiex jaħdem ix-xogħol tal-ħadid. Ta' min jgħid li Said kien ukoll negozjant tal-proviżjon tan-nar.

Luigi kien bniedem dħuli u ċajtier. Il-passatemp tiegħu kien li jmur għall-kaċċa ma' ħuh Salvu u sħabu Filippu Cilia, Carmelo Gauci u Salvu Carabaldi. Huma kienu jieħdu pjaċir jaqbdu l-għasafar tal-bejt li jkunu qegħdin jixorbu minn xi ħawt, biex imbagħad jitilquhom wieħed wieħed u jisparaw fuqhom. Illum il-ġurnata dan il-passatemp huwa aktar magħruf bħala l-sparar fuq il-plattini.



*Ċertifikat mogħti lil Said*

Ta' età żgħira Luigi beda jitgħallem il-mużika fil-Każin Banda San Filep mas-surmast Taljan Orlando Crescimanno. Ma damx wisq jitgħallem għax wara ftit taż-żmien huwa ħareġ idoqq il-kwartin ma' l-istess banda. Ta' min jgħid li l-kwartin li kien idoqq Mastru Luigi Said jinsab f'waħda mill-vetrini ta' l-arkivju tal-Każin Banda San Filep. Said kien idoqq ukoll mal-Banda Ċittadina King's Own tal-Belt Valletta. Fil-21 ta' Awissu, 1927 din il-banda ħadet sehem fil-konkors bandistiku ta' Como. Luigi Said kien wieħed mill-bandisti li marru Como ma' din il-banda, li dak iż-żmien kienet

taħt id-direzzjoni tas-surmast Aurelio Doncich.

Luigi Said kien wieħed mill-għalliema tal-mużika fi ħdan il-Każin San Filep. Dan kien fi żmien is-surmast Adeodato Gatt. Fost l-allievi ta' Said insibu lil Lorenzo Sapiano bis-saksofon u lill-Maġġur Anthony Aquilina, li kien magħruf bħala l-Iskoċċ. Ta' min isemmi li meta l-Iskoċċ kien qiegħed jitgħallem it-teorija tal-mużika u kien jieħu żball f'xi nota, Said kien jagħtih daqqa fuq idu bil-muftieħ li kien juża bħala bakketta.

Mastru Luigi Said mar jiltaqa' mal-Mulej fl-età ta' erbgħa u ħamsin sena, proprju fid-29 ta' April, 1949. Huwa jinsab midfun fil-qabar tal-familja, proprju f'qabar numru wieħed u erbgħin fiċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù ġewwa Ħaż-Żebbuġ.



*Luigi Said (it-tieni wieħed mil-lemin) flimkien ma' sħabu*

Sebio's Studio

*Passport photos, digital cameras & accessories, silver gifts, frames, albums, souvenirs, developing of films, transfer of movie films and videos to dvd's and more*

**New**

Printing of digital photos from all type of memory cards and from mobile phones while you wait.

**Sciortino Street, Żebbuġ. Tel: 2146 2545**